MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 76/2012

**Margaret Falzon**

**vs**

**Joseph u Miriam konjugi Spiteri, Saviour Spiteri, Francis Spiteri u permezz ta' nota ta' l-4 ta' Dicembru 2012 l-attrici cediet il-kawza fil-konfront ta' Saviour Spiteri**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat li jaqra hekk:

1. Illi Francesco Spiteri izzewweg lil Maria nee' Cassar u miet fid-29 ta' Gunju 2003 (Dok A). Il-konjugi Spiteri kellhom erbat itfal u cioe' Margaret, Joseph, Francis u Saviour ahwa Spiteri.

2. Illi l-istess Francesco Spiteru miet intestat hekk kif jidher mill-kopja tar-ricerki tat-testmenti sigrieti u pubblici tieghu (Dok B u Dok C) u ghalhekk il-wirt u s-successjoni tieghu ddevolva a favur l-erba' uliedu u dana fi kwoti ugwali u ndivizi bejniethom;

3. Illi permezz ta' kuntratt ta' bejgh datat 14 ta' Lulju 2006 Joseph u martu Miriam konjugi Spiteri akkwistaw il-kwota ereditarja spettanti lil Saviour u Francis ahwa Spiteri mill-wirt u s-successjoni ta' missierhom Francesco Spiteri u dan hekk kif jidher mill-kopja tal-kuntratt hawn anness u mmarkat bhala Dok D. Ghaldaqstant l-wirt ta' Francesco Spiteri irid jigi diviz bejn Margaret u Joseph ahwa Spiteri u dana skond il-kwoti rispettivi taghhom u cioe' kwart indiviz spettanti lil attrici (1/4) u r-rimanenti tliet kwarti (3/4) spettanti lil Joseph u Miriam konjugi Spiteri u cioe' kwart (1/4) li huwa s-sehem proprju tieghu u z-zewg kwarti l-ohra li akkwistaw hu u martu;

4. Illi fit-23 ta' Novembru 2004 mietet gewwa r-Rabat, Ghawdex Francesca Spiteri, li tigi oht il-mejjet Francesco Spiteri (Dok E). L-istess Francesca Spiteri kienet improle u rregolat il-wirt u s-successjoni taghha permezz ta' testment (atti Nutar Paul George Pisani) datat 24 ta' Awwissu 2004 u li permezz tieghu hija halliet diversi prelegati lil Joseph, Margaret u Francis ahwa Spiteri u nnominat lill-istess Joseph u Margaret ahwa Spiteri bhala eredi universali taghha u dana bi kwoti ugwali u ndivizi bejniethom, hekk kif jidher mill-kopja tad-dokumenti hawn annessi u mmarkati bhala Dok F u Dok G.

5. Illi fl-10 ta' Mejju 2010 mietet gewwa Rabat, Ghawdex, Giuseppa Spiteri li tigi wkoll oht il-mejjet Francesco Spiteri (Dok H). Id-decuius irregolat il-wirt u s-successjoni taghha permezz ta' testment datat 2 ta' Frar 2005 (atti Nutar Kristen Dimech) u li permezz tieghu halliet lil Margaret Spiteri bhala eredi universali taghha hekk kif jidher mill-kopja tad-dokumenti ufficcjali hawn annessi u mmarkati bhala Dok I u Dok J.

6. Illi ghalhekk l-attrici u l-konvenuti huma komproprjetarji ta' diversi proprjetajiet. Illi l-attrici ma tridx tibqa' fl-istat ta'

komunjoni mal-konvenuti u nonostanti li l-konvenuti gew debitament interpellati sabiex jersqu ghal tali divizjoni huma baqghu nadempjenti;

7. Illi l-attrici trid li ssir id-divizjoni ta' dawn il-beni u fin-nuqqas li dawn ikunu komodament divizibbli allura jsir il-bejgh bil-licitazzjoni taghhom;

Ghaldaqstant l-atturi qeghdin jitolbu lil din il-qorti:

i. Tillikwida u tiffirma l-gid formanti l-beni ta' Francesco Spiteri li miet fid-29 ta' Gunju 2003 u tiddikjara li jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti u l-assi parafernali li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

ii. Tillikwida u tiffirma l-gid formanti l-beni ta' Francesca Spiteri li mietet fit-23 ta' Novembru 2003 u tiddikjara li jikkonsisti fil-beni li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

iii. Tillikwida u tiffirma l-gid formanti l-beni ta' Giuseppa Spiteri li mietet fl-10 ta' Mejju 2010 u tiddikjara li jikkonsisti fil-beni li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

iv. Taqsam il-gid formanti l-beni ta' Francesco Spiteri bejn l-attrici u l-konvenuti u dana fil-kwoti spettanti lilhom cioe' kwart (1/4) kull wiehed, salv naturalment li jigi rispettat il-kuntratt tal-14 ta' Lulju 2006 dwar l-akkwist tal-kwota ereditarja taghhom;

v. Taqsam il-gid formanti parti tal-beni ta' Francesca Spiteri f'zewg porzjonijiet ugwali bejn l-attur u l-konvenut Joseph Spiteri, nofs kull wiehed (1/2) salv li l-kontendenti Joseph, Margaret u Francis Spiteri jigu mmessi fil-pussess tal-legati lilhom imhollija;

vi. Tassenja u tittrasferixxi l-gid lil [recte:ta'] Giuseppa Spiteri lill-attrici Margaret Falzon li hija l-unika eredi taghha;

vii. Tinnomina perit sabiex jaghmel stima tal-assi ereditarji u jirrelata dwar jekk il-gid huwiex kommodament divizibbli;

viii. Tinnomina nutar u tiffissa jum, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' qasma u kuratur ghall-eventwali kontumaci;

ix. F'kaz li jirrizulta li l-beni m'humiex kommodament divizibbli, tordna l-bejgh b'licitazzjoni u tiffissa data hin u lok ghal dan l-iskop.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali numru 15/2011 kontra l-istess intimati li minn issa huma mharrka ghas-subizzjoni.

Rat li la Francis u lanqas Saviour Spiteri ma pprezentaw risposta guramentata.

Rat in-nota ta' Saviour Spiteri li permezz taghha ddikjara li huwa ma ghandu l-ebda nteress fl-ereditajiet.

Rat li fir-risposta guramentata l-konvenuti Joseph u Miriam konjugi Spiteri eccepew :

1. Illi in linea preliminari, l-azzjoni attrici kif proposta hija rrita, monka u nammissibbli stante li mhuwiex konsentit f'kawza *familiae erciscundae* tintalab id-divizjoni ta' tliet wirtijiet separati u distinti minn xulxin u cioe' ta' Francesco Spiteri, Francesca Spiteri u Giuseppa Spiteri. Jizdied jinghad li fil-fatt il-wirtijiet li taghhom qed jintalab il-qasma hemm komprizi assi li mhumiex posseduti ndivizament bejn il-partijiet kollha, u giet involuta l-partecipazzjoni tal-partijiet li m'ghandhomx interess fil-wirtijiet kollha li taghhom qed tintalab il-qasma.

2. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghall-premess hemm ukoll nullita' kwantu ghall-fatt li ghal xi raguni ma giex indikat li Maria Spiteri nee' Cassar li tigi l-konjugi ta' Francesco Spiteri u li tigi omm il-partijiet – **ghadha hajja.** Illi fil-kawza qed tintalab divizjoni ta' l-assi ereditarji ta' Francesco Spiteri u fit-talbiet hemm distinzjoni bejn l-assi

parafernali tieghu u dawk komprizi fil-komunjoni tal-akkwisti. Il-komunjoni ta' l-akkwisti kienet ezistenti bejn Francesco Spiteri u martu Maria li ghadha hajja izda dwarha mhu qed jissemma' xejn u allura kemm-il darba Maria Spiteri ghadha hajja u allura ghandha drittijiet fuq il-wirt ta' Francesco Spiteri, Maria Spiteri kellha tkun parti minn din il-kawza wkoll ghaliex inkella ma jistax ikun hemm l-integrita' tal-gudizzju bi pregudizzju ghad-drittijiet spettanti lill-istess Maria Spiteri. La hemm indikat xejn fil-premessi u lanqas hemm talba f'dan ir-rigward.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, din il-kawza hija ntempestiva ghaliex il-konvenut Joseph Spiteri kien ghadu qed jaghmel l-ezercizzju opportun biex jivverifika l-istima moghtija mill-attrici u dan meta diversi snin ilu kienet l-attrici stess li stultifikat tahditiet dwar divizjoni bonarja kif ser jirrizulta matul it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi fil-meritu u dejjem bla pregudizzju ghas-sueccepit, l-eccipjenti ma jopponux ghad-divizjoni mitluba purche' li qabel kollox tigi verifikata u accertata l-konsistenza tal-assi kollha in divizjoni, u ta' kull wirt, u tigi certifikata u accertata l-kwota li ghandhom kull wiehed u wahda mill-partijiet u mil-liema wirt ghandhom dan is-sehem. Fost l-assi mmobiljari li taghhom qed tintalab id-divizjoni hemm ukoll diversi prelegati kif ser jirrizulta dettaljatament fil-kors tal-kawza;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat in-nota ta' cessjoni fil-konfront ta' Saviour Spiteri.

Rat l-atti u d-dokumenti tal-kawza nkluz ghalhekk in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti konjugi Spiteri.

**Kunsiderazzjonijiet**

Permezz ta' din l-azzjoni l-attrici qeghdha titlob il-qasma ta' tliet wirtijiet kif ukoll li ssir l-immissjoni fil-pussess tal-legati mhollija.

Illi permezz ta' din is-sentenza se jigu trattati l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti konjugi Spiteri.

Illi l-fatti rizultanti mill-atti processwali huma s-segwenti:

- Francesco Spiteri izzewweg lil Maria nee' Cassar. Huma kellhom erbat ulied – Margaret, Joseph, Francis u Saviour li originarjament kollha kienu partijiet f'din il-kawza.

- Francesco Spiteri miet fid-29 ta' Gunju 2003 intestat.

- Joseph u martu Miriam permezz ta' kuntratt ta' bejgh datat 14 ta' Lulju 2006 xtraw il-kwota ereditarja spettanti lil Saviour u Francis ahwa Spiteri mill-wirt u successjoni ta' missierhom Francesco Spiteri[1]. Ghalhekk il-konvenuti konjugi Spiteri jispettahom ¾ indivizi mill-wirt ta' Francesco Spiteri u r-rimanenti ¼ jispetta lill-attrici.

- Francesca Spiteri, oht Francesco Spiteri u kwindi z-zija ta' Margaret, Joseph, Francis u Saviour, mietet fit-23 ta' Novembru 2004. Hija mietet improle u halliet testment datat 24 ta' Awwissu 2004[2] li permezz tieghu halliet legati lil Joseph, Margaret u Francis u nnominat eredi universali taghha lil Joseph u Margaret fi kwoti ndaqs bejniethom. Hija halliet ukoll l-uzufrutt generali tal-beni kollha mobbli u mmobbli lil ohtha Giuseppa Spiteri.

- Giuseppa Spiteri, oht Francesco Spiteri u Francesca Spiteri, mietet improle fl-10 ta' Mejju 2010. Hija rregolat il-wirt u s-successjoni taghha permezz ta' testment datat 2 ta' Frar 2005 u halliet lill-attrici Margaret Spiteri bhala eredi universali taghha.

---

[1] Dok D a fol. 10 *et seq* tal-process
[2] In atti Nutar Dottor Paul George Pisani

- In vista li Saviour Spiteri iddikjara li huwa ma ghandu ebda interess fl-ereditajiet li taghhom qeghdha tintalab id-divizjoni, l-attrici cediet il-kawza fil-konfront tieghu.

- Francis Spiteri ghalkemm debitament notifikat baqa' ma pprezenta l-ebda risposta guramentata.

<u>L-ewwel eccezzjoni</u>

Permezz ta' din l-eccezzjoni l-konvenuti konjugi Spiteri qeghdin jeccepixxu li l-azzjoni attrici hija rrita, monka u nammissibbli stante li mhux konsentit f'kawza *familiae erciscundae* tintalab id-divizjoni ta' tliet wirtijiet separati u distinti minn xulxin. Tant li l-wirtijiet li taghhom qeghda tintalab il-qasma hemm komprizi assi li mhumiex posseduti ndivizament bejn il-partijiet kollha, u giet involuta l-partecipazzjoni tal-partijiet li m'ghandhomx interess fil-wirtijiet kollha li taghhom qed tintalab il-qasma.

Illi m'hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt li l-attrici qeghdha titlob il-qasma ta' tliet wirtijiet cioe' ta' missierha Francesco Spiteri u taz-zijiet taghha Francesca u Giuseppa Spiteri. Kif irrizulta wkoll, peress li l-konvenut Joseph Spiteri u martu akkwistaw il-kwoti ereditarji spettanti lil Francis u Saviour mill-wirt u successjoni ta' missierhom inkwantu ghall-wirt ta' Francesco Spiteri d-diretti nteressati huma l-attrici u l-konvenuti konjugi Spiteri.

Joseph Spiteri ghandu wkoll interess fil-likwidazzjoni tal-wirt ta' Francesca Spiteri peress li din ta' l-ahhar innominatu eredi universali taghha flimkien ma' l-attrici fi kwoti ndaqs bejniethom. Oltre' dan halliet a favur tieghu legati konsistenti f'sehem indiviz fi proprjetajiet. Kwindi Joseph Spiteri m'ghandu l-ebda interess fil-likwidazzjoni tal-wirt ta' Guzeppa Spiteri.

Mill-prezentata tar-risposta guramentata gew ceduti l-atti tal-kawza fil-konfront ta' Saviour Spiteri.

Francis Spiteri biegh is-sehem spettanti lilu mill-eredita' ta' missieru Francesco Spiteri. Huwa ghandu interess inkwantu Francesca Spiteri halliet a favur tieghu legat konsistenti f'sehem indiviz fi proprjeta' immobbli u somma flus. Oltre' dan Giuseppa Spiteri halliet a favur tieghu legat konsistenti f'somma flus.

L-attrici ddikjarat fl-affidavit taghha li l-legati li kellha thallas halsithom.

L-attrici prezentat in atti dokument[3] li permezz tieghu ndikat il-kwoti minn kull proprjeta'. Mill-atti ezebiti, apparti Dok P, sa dan l-istadju konsistenti fid-dikjarazzjonijiet *causa mortis* ta' Francesco Spiteri[4], Giuseppa Spiteri[5] u Francesca Spiteri[6] jirrizulta li l-ahwa Francesco, Francesca u Giuseppa Spiteri kienu komproprjetarji ta' hames proprjetajiet liema proprjetajiet huma dawk elenkati fin-nota ta' l-attrici u li ghalhekk huma mertu tal-kawza odjerna. L-attrici fl-affidavit taghha xehdet ukoll li missierha u z-zijiet kellhom ukoll bicca raba' b'titolu ta' qbiela minghand l-ufficcju kongunt imsejha 'tal-Barriera' fil-limiti ta' Sannat, Ghawdex tal-kejl ta' cirka 160.50m.k..

Hekk kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **L-Avukat Dr Mario Scerri noe vs Dr Kevin Mompalao noe[7]:**

Hu fatt li l-gurisprudenza lokali tirrikonoxxi li f'kaz ta' wirt m'huwiex possibbli li jkollok divizjoni parzjali sakemm ma jkunx hemm qbil bejn il-kondividenti kollha. F'dan is-sens huma s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell fil-kawzi **Joseph Borg vs Emanuel Vella et** deciza fit-3 ta' Marzu 1995[8] u **Tereza Farrugia et vs Giuseppe Camilleri et** deciza fl- 10 ta' Marzu 2004[9]. F'din l-ahhar sentenza l-

[3] Dok P a fol 60 tal-process
[4] Tat-23 ta' Dicembru 2003 in atti Nutar Dottor Kristen Dimech, Dok L a fol 41 et seq tal-process li saret minn Saviour Spiteri f'ismu proprju u f'isem hutu Margaret, Joseph u Saviour
[5] Tat-8 ta' Ottubru 2010 in atti Nutar Dottor Kristen Dimech, Dok M a fol 44 et seq tal-process li saret minn Margaret Falzon
[6] Tal-20 ta' Mejju 2005 in atti Nutar Dottor Enzo Dimech, Dok N a fol 47 et seq tal-process li saret minn Margaret Falzon u Giuseppa Spiteri
[7] Rik Nru: 45/2010AE deciza fl-1 ta' Frar 2011
[8] Prim'Imhallef G. MIfsud Bonnici, Imhallfin J.D. Camilleri u J. Filletti
[9] Imhallef P. Sciberras

qorti spjegat il-principju b'dan il-mod: *"Kif jinghad fid-decizjoni a **Vol XXX pII p203** l-"actio familae erciscundae" tolqot "omne jus quod defunctus habuit" u dan bla distinzjoni jekk kienx dritt personali jew 'in rem'. Li jfisser li fil-likwidazzjoni jidhlu l-assijiet kollha kemm jekk b'titolu ta' proprjeta` jew ta' kera. Ghaldaqstant "mhux lecitu li wiehed jispigola parti minn assi ereditarju u jitlob gudizzju fuq dawk il-beni hekk spigolati u singoli imma ghandu jitlob il-likwidazzjoni tal-assi kollha" (Kollez **Vol XXXVI pI p375** u **Vol XXIX pIp 1203)**[10]*".

Illi min-nota prezentata mill-attrici li permezz taghha ndikat il-proprjetajiet immobbli li huma ghall-qasma u l-kwoti spettanti lill-partijiet jirrizulta li l-attrici ghandha sehem indiviz minn kull proprjeta' u l-konvenut Joseph Spiteri wkoll ghandu sehem indiviz minn kull proprjeta'. Naturalment l-ishma spettanti lilhom ivarjaw imma dan certament mhux ta' xi ostakolu. Il-konvenut Francis Spiteri ghandu sehem biss mill-proprjeta' wahda li sehmu thalla lilu fil-forma ta' legat.

Ghaldaqstant m'hemmx dubju li l-attrici ghandha nteress guridiku f'kull talba mressqa. Min-naha l-ohra jirrizulta wkoll li anki jekk il-konvenut Joseph Spiteri ghandu interess biss inkwantu jirrigwarda l-eredita' ta' missieru u taz-zija tieghu Francesca Spiteri fil-fatt huwa ghandu sehem indiviz minn kull proprjeta' imsemmija fin-nota ta' l-attrici.

Dan qieghed jigi rilevat ghaliex f'dan il-kaz partikolari billi l-hames proprjetajiet elenkati kienu jappartjenu inkwantu ghal terz indiviz lil Francesco, Francesca u Giuseppa Spiteri f'kaz li ntalbet il-likwidazzjoni ta' persuna wahda minnhom biss kien ikun ifisser li l-proprjetajiet *de quo*

---

[10] F'sentenza tat-12 *ta'* Novembru 1951 fil-kawza **Assunta Chircop vs Pawlu Calleja et**, il-Qorti tal-Appell spjegat li *"Meta tigi esercitata l-azzjoni ghall-qasma ta' assi ereditarju ghandu jingieb ghall-qasma dak kollu li jidhol f'dak l-assi, b'mod li ma ghandu jibqa' xejn indiviz minn dak li jidhol f'dak l-assi. Ghalhekk, fil-likwidazzjoni preordinata ghall-qasma ghandhom jigu migjuba l-beni kollha formanti parti mill-assi, ghax divizjonjiet parzjali ma humiex permessi jekk ma junx hemm il-kunsens tal-kondividenti kollha li jhallu in komun xi haga, li ghandha tkun espressament u partikolarment indikata."*.

xorta wahda kienu se jibqghu ndivizi. Ghalhekk f'dan il-kaz partikolari u dan anki fl-interess tal-partijiet kollha fil-kawza biex javvaloraw aktar il-potenzjal tal-proprjetajiet in divizjoni kien jaghmel aktar sens li tigi prezentata kawza wahda. Oltre' dan anki biex jigu evitati spejjez zejda.

Illi fl-istess waqt, il-Qorti ma tistax ma tqisx ukoll li s-sanzjoni estrema tan-nullita' ta' att gudizzjarju titlob li l-eccezzjoni tintlaqa' biss f'kazijiet eccezzjonali meta l-unika rimedju li jinghata lill-imharrek għall-pregudizzju mgarrab ikun it-thassir tal-att, kif ukoll jipprovdi l-*proviso* tal-artikolu 789(1) tal-Kodici[11]. Il-konvenuti ma wrew li garrbu ebda hsara fid-difiza taghhom minhabba l-mod ta' kif tressqet l-azzjoni attrici.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qeghdha tigi michuda.

<u>It-Tieni Eccezzjoni</u>

Permezz ta' din l-eccezzjoni l-konvenuti konjugi Spiteri qeghdin jeccepixxu wkoll in-nullita' kwantu *"ghall-fatt li ma giex indikat li Maria Spiteri nee' Cassar li tigi l-konjugi ta' Francesco Spiteri u li tigi omm il-partijiet ghadha hajja. Illi fil-kawza qed tintalab divizjoni ta' l-assi ereditarji ta' Francesco Spiteri u fit-talbiet hemm distinzjoni bejn l-assi parafernali tieghu u dawk komprizi fil-komunjoni tal-akkwisti. Il-komunjoni ta' l-akkwisti kienet ezistenti bejn Francesco Spiteri u martu Maria li ghadha hajja izda dwarha mhu qed jissemma' xejn u allura kemm-il darba Maria Spiteri ghadha hajja u allura ghandha drittijiet fuq il-wirt ta' Francesco Spiteri, Maria Spiteri kellha tkun parti minn din il-kawza wkoll ghaliex inkella ma jistax ikun hemm l-integrita' tal-gudizzju bi pregudizzju ghad-drittijiet spettanti u lanqas hemm talba f'dan ir-rigward".*

Illi fl-ewwel lok irid jigi ccarat li anki kieku stess jirrizulta li hemm nuqqas ta' integrita' tal-gudizzju dan ma jwassalx ghal dikjarazzjoni ta' nullita'.

[11] **Joseph Micallef et vs Trusted Limited et,** Rik Nru: 90/2012JRM deciza fl-20 ta' Gunju, 2012

Fis-sentenza tal-kawza fl-ismijiet **Carmelo Bonello vs Albert Mizzi nomine** deciza mill-Onor. Qorti ta' l-Appell[12] iccitat ukoll b'approvazzjoni l-insenjament illi r-*ragion d'essere* ta' eccezzjoni ta' nuqqas ta' integrita` tal-gudizzju tistrieh fuq tliet konsiderazzjonijiet principali: l-ewwel wahda hija li, ghall-ahjar gudizzju tal-Qorti, ghandhom jippartecipaw fih dawk kollha li huma nteressati, it-tieni, sabiex tigi assigurata kemm jista' jkun l-effikacita` tal-gudizzju, in kwantu dan jorbot biss lil dawk il-persuni li jkunu ppartecipaw fl-istess gudizzju; u t-tielet, biex jigi rispettat il-principju ta' l-ekonomija tal-gudizzji sabiex ma jkunx hemm il-bzonn li l-istess procedura tigi ripetuta kontra l-persuni kollha interessati fid-diversi kawzi billi dawn ma jkunux hadu parti f'gudizzju wiehed u l-kreditur attur ikollu l-interess li d-debituri kollha jigu vinkolati biex ikun jista' jezegwixxi t-titolu tieghu kontra taghhom kollha.

Referenza ssir ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **Vincent Agius pro et noe et vs Mario Borg et**[13] fejn intqal b'referenza ghal nuqqas ta' integrita' tal-gudizzju s-segwenti:

"Eccezzjoni din ta' natura dilatorja u ghalhekk, kif hekk sar f'dan il-kaz, kellha titqajjem *in limine litis* ("**Virginia Cassar -vs- Emanuel Caruana et**", Appell Kummercjali, 4 ta' Marzu 1992)"

Fil-kawza fl-ismijiet **John Grech vs Guza Cremona**[14] inghad li biex il-gudizzju jkun integru jridu jiehdu parti fih dawk kollha li jkollhom id-dritt u dawk li kontra taghhom dak l-istess dritt jikkompeti. L-interess fl-ezitu tal-gudizzju ghandu jkun intiz mhux biss fis-sens li dik il-persuna tigi kkundannata jew illiberata, imma wkoll fis-sens li l-istess persuna tkun tista' ssostni r-ragunijiet ta' l-attur jew tal-konvenut, jew taghha stess, differenti minn tat-tnejn u tipprovoka decizjoni fil-limiti ta' l-azzjoni li tistabbilixxi certi fatti u certi drittijiet favorevoli jew kuntrarji ghaliha, bla ma tkun liberata jew kundannata.

[12] 6 ta' Ottubru 2000, Vol LXXXIV-II-I-1071
[13] Cit Nru: 1143/1994/2 deciza fit-28 ta' Marzu, 2003
[14] Per Imhallef Carmelo Scicluna deciza fis-16 ta'Novembru, 1983, Vol LXVII-III-V-243

Fil-kaz odjern l-attrici qeghdha titlob li jigi likwidat u ffirmat il-gid formanti l-beni ta' Francesco Spiteri u jigi dikjarat li jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti u l-assi parafernali. M'hemmx dubju li ladarba martu ghadha hajja ghandha interess li tkun parti f'din il-kawza. Biss pero' dan ma jwassalx ghal nullita'.

Tant huwa hekk li l-attrici prezentat rikors li permezz tieghu talbet il-kjamata fil-kawza ta' l-istess Maria Spiteri. Tali rikors gie notifikat lill-avukat tal-kontro-parti flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet taghhom.

Fil-provvediment fl-ismijiet **Dr Marco Sammut et vs Di Natura Limited**[15] gie spjegat li:

*'Illi huwa maghruf li biex il-Qorti tilqa' talba ghal sejha fil-kawza ta' terzi jehtieg jintwera li jkunu jezistu l-elementi mitluba mid-duttrina l-izjed stabilita f'dan ir-rigward. Is-sejha fil-kawza ta' terza persuna waqt li l-kawza tkun miexja bejn partijiet ohrajn hija regolata fil-ligi tal-procedura bl-artikolu 961 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dak l-artikolu jghid li tali sejha tista' ssir kemm fuq talba ta' xi wahda mill-partijiet u kif ukoll, minghajr dik it-talba, mill-Qorti nnifisha jekk jidhrilha li huwa xieraq li dan isir*[16]*;*

*Illi l-principju ewlieni li ghandu jitqies huwa li l-imsejjah fil-kawza, b'differenza minn dak li jkun indahal fil-kawza minn rajh in statu et terminis, jitqies bhallikieku kien imharrek u, kif juri l-artikolu 962, bis-sentenza moghtija f'dik il-kawza jista' jinheles jew jigi kundannat daqslikieku l-kawża nharget mill-bidunett kontrih;*

*Illi s-sejha fil-kawza, jew kif kien maghruf fl-imghoddi, l-intervent koatt (biex jintgharaf mill-intervent volontarju li ghalih japplika l-artikolu 960 tal-Kap 12), ghandha l-ghan li tevita li jkun hemm ghadd ta' kawzi fuq l-istess mertu meta dawk il-persuni jistghu jitqieghdu f'gudizzju wiehed li*

---

15 Rik Nru: 756/2011JRM moghti fit-22 ta' Jannar 2013

16 Ara per ezempju P.A. JSP 4.5.1992 fil-kawza fl-ismijiet **Jean Depasquale noe vs David Jones**

*jikkonsidra l-qaghda rispettiva taghhom*[17]*. Huwa essenzjali, ghalhekk, li persuna msejha fil-kawza jkollha interess fil-kwestjoni. Anzi, il-qafas ta' l-istitut tas-sejha fil-kawza johrog mill-kuncett fondamentali ta' interess tal-parti li toqghod f'gudizzju;*

*Illi l-interess li jsejjes is-sejha fil-kawza ghandu jkun fl-ezitu tal-gudizzju, mhux necessarjament fis-sens li l-imsejjah fil-kawza jkun kundannat jew mehlus, imma fis-sens li jsostni r-ragunijiet tal-attur jew tal-imharrek, jew sahansitra tieghu nnifsu differenti minn dawk tal-partijiet*[18]*. Imma, fi kwalunkwe kaz, l-interess tal-imsejjah fil-kawza ghandu jkun ta' livell bhal dak imfisser minn hafna sentenzi taghna bhala l-interess guridiku li ghandu jkollha parti fil-kawza. Fil-kaz prezenti, dan l-interess li jrid jintwera ghandu jkun l-interess ta' persuna mharrka;*

*Illi, kif inghad, il-Qrati taghna stabbilew regoli li dwarhom is-sejha fil-kawza jmissha tigi meqjusa, u, b'mod partikolari, f'liema cirkostanzi ghandha tintlaqa' talba ghal tali sejha u, b'mod izjed siewi, meta m'ghandhiex jew ma jmisshiex tintlaqa' talba bhal din;*

*Illi l-Qorti ghandha tordna s-sejha fil-kawza jekk il-persuna li taghha tintalab din is-sejha jkollha dak l-interess li huwa mehtieg mil-ligi f'persuna biex minnu tista' tigi proposta azzjoni jew biex tiġi opposta kontestazzjoni*[19]*. Madankollu, is-sejha fil-kawza m'ghandhiex tintuza biex jidhlu fil-kawza persuni li, ghalkemm ghandhom l-interess mehtieg, jiddahhlu biex jissostitwixxu persuni li ma jkun messhom qatt gew imharrkin, jew ikunu gew imharrkin hazin*[20]*;*

---

[17] Ara per ezempju, App. Civ. 23.11.1898 fil-kawza fl-ismijiet **Stepton vs Spiteri** (Kollez. Vol: XVI.i.117);

[18] Ara App. Civ 27.1.1997 fil-kawza fl-ismijiet Anthony Azzopardi et noe vs Calcedonio sive Donald Attard et

[19] P.A. 29.10.1935 fil-kawza fl-ismijiet **Libreri vs Staines noe** (Kollez. Vol: XXIX.ii.706) u s-sentenzi hemm imsemmija

[20] P.A. 6.2.1962 fil-kawza fl-ismijiet **Tabone noe vs Magri** (Kollez. Vol: XLVI.ii.561) u l-bosta sentenzi hemm imsemmija; u App. Kumm. 19.5.1995 fil-kawza fl-ismijiet **P. Wismayer et vs C. Wismayer et** (Kollez. Vol: LXXIX.ii.955)

*Illi ghalkemm normalment is-sejha fil-kawza ssir mill-parti mharrka, kif jidher mill-artikolu tal-ligi fuq imsemmi, din it-talba tista' ssir ukoll minn min ikun fetah il-kawża. Tista' ssir ukoll mill-Qorti ex ufficio, izda qatt minn u fuq talba tal-imsejjah innifsu[21]. Ghal xi zmien kien jinghad li ma ghandhiex tintlaqa' talba ghas-sejha fil-kawza min-naha tal-attur meta dan seta' jew suppost li kien jaf bl-ezistenza jew l-interess ta' persuni fil-mertu tal-kwestjoni li huwa messu harrek sa mill-bidu[22]. Izda llum jidher li t-tifsira vera ta' dan il-punt thares izjed lejn il-kwestjoni tal-interess guridiku tal-imsejjah milli lejn l-gharfien jew le tal-attur (qabel ma bdiet il-kawza) dwar kull min seta' kellu interess[23]: u dan dejjem bil-kawtela li l-istess sejha fil-kawza ma tintuzax biex jiddahhal fil-kawza mharrek iehor flimkien mal-imharrek originali li ma messu tharrek qatt[24]';*

Illi ghalhekk il-qorti tqis li filwaqt li ghandha tichad din l-eccezzjoni ghandha tilqa' t-talba sabiex tigi kjamata fil-kawza Maria Spiteri.

Ghal dawn il-motivi din il-qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti konjugi Spiteri.

Tordna wkoll l-kjamata fil-kawza ta' Maria Spiteri.

---

[21] App. Civ. 11.5.2011 fil-kawza fl-ismijiet **Reginald Fava pro et noe vs Suprintendent tas-Sahha Pubblika noe et**

[22] App. Civ.: 14.1.1938 fil-kawza fl-ismijiet **Captur vs Felice** (Kollez. Vol: XXX.i.1) u s-sentenzi hemm imsemmijin;

[23] Ara P.A. JSP 16.3.1993 fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Ripard et vs Onor. Prim Imhallef Carmelo**

**Schembri et** u s-sentenzi hemm imsemmija

[24] App. Civ. 26.4.1971 fil-kawza fl-ismijiet **Vincenzina Cassar vs Anthony Vella** u s-sentenzi hemm

imsemmija; u P.A. (Kost.) NC 30.5.2003 fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Bellizzi et vs Awtorita' Marittima ta' Malta et.** (in parte)

Spejjez relatati ma’ dawn il-proceduri a karigu tal-konvenuti konjugi Spiteri. Spejjez relatati mal-kjamata fil-kawza ta’ Maria Spiteri a karigu ta’ l-attrici.

Tordna ghalhekk il-prosegwiment tal-kawza.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------